# 22. Għanja lill-Qamar

Minn xifer qalb l-isħab tperriċt tittawwal,
ja Qamar, malli bdiet traxxax il-ħalba;
ħassejtha tielgħa l-poeżija ħelwa
tal-art fix-xita!

U minn fuq l-iġbla tal-isħab bajdana
qgħadt tara l-logħba bejn il-ħjut tax-xita
u bejn l-imrieżaq ta' dijietek kbira
fuq l-art imxarrba,

U kollok sieket smajt ir-raxx iħaxwex
fil-ħaxix niexef, smajt għanja qasira
minn fomm l-imwieżeb, u mill-wiċċ imxarrba
għajta ta' ħarba;

U malli siktet ftit tax-xita l-bexxa
b'pinzell li ma jidherx u b'lewn il-fidda
ħażżejt iċ-ċnut tal-bjut, il-blat u l-frieghi
tas-siġar kollha;

U malli rajt li kull taqtira t'ilma
xegħlet bid-dija ta' xbihatek ħelwa,
erġajt lejn triqtek qalb is-sħab moħbija
ġwejjed waħdieni.

Ja Qamar, int pittur, daqqaq, poeta,
u l-ħajja tiegħek hija nisġa twila
ta' xbihat, ta' dehriet ifawru l-għana
u l-poeżija;

Kelmtek id-dawl, u l-arpa tiegħek l-iġbla,
l-widien, l-għadajjar tas-smewwiet u l-art;
subgħajk li ma jidhrux jinsġu kull lejla
is-sinfoniji;

Ħsiebek ma jonqsok qatt, u s-sengħa tiegħek
dejjem ixxettel kemm idum iż-żmien;
il-mewt ma taħfnek qatt: int fost l-imgħallma
mgħallem ta' dejjem.